Transport Malta

Malta Transport Centre,
Triq Pantar, Ħal Lija, LJA 2021
Malta

Tel: (356) 2122 2203
Fax: (356) 2125 0365
Email: info.tm@transport.gov.mt

www.transport.gov.mt

29 ta' Ottubru 2020

Għażiż klijent,

Permezz ta' dan il-komunikat, l-Awtorita` għat-Transport f'Malta tixtieq tinfurmak illi is-*servers* u s-sistemi ta' propjeta' intelletwali tagħha kienu soġġetti għal *cyber-attack* eżegwit matul il-lejl ta' bejn il-Ġimgħa 25 ta' Settembru 2020 u s-Sibt 26 ta' Settembru 2020.

L-Awtorita` nfurmat immedjatament lill-esperti tekniċi tagħha sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex tiġi limitata kwalunkwe konsegwenza tal-imsemmi *cyber-attack* fuq is-sistemi tagħha kif ukoll infurmat lill-Pulizija sabiex jassistu fil-każ.
B'konsegwenza ta' tali notifika lill-Pulizija, twaqqfet inkjesta maġisterjali u ġew appuntati numru ta' esperti sabiex jiġu identifikati l-fatti kollha tal-każ u tiġi priżervata l-evidenza kollha neċessarja.

L-Awtorita` ingaġġat ukoll esperti indipendenti sabiex joffru s-servizzi tagħhom fuq il-każ odjern u qed isir kull sforz sabiex jiġi kontenut u prevenut kwalunke ksur tad-*data (data breach)* u informazzjoni bħala riżultat tal-imsemmi *cyber-attack*.
L-Awtorita` ssottomettit notifika ta' ksur tad-*data* (*data breach*) mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*Data* (IDPC) skont l-obbligi legali stipulati taħt il-leġiżlazzjoni u regolamenti applikabbli għall-Protezzjoni tad-*Data*.

L-attenzjoni tieghek qed tinġibed fir-rigward ta' kwalunkwe *data* personali proċessata mill-Awtorita` li hija relatata miegħek bħala persuna naturali indentifikat jew identifikabbli kif stipulat taħt l-Artikolu 4 (1) tal-Regolament dwar il-Protezzjoni ta' *Data* Ġenerali (2016/679).

Malli l-Awtorita` saret taf bl-imsemmi *cyber-attack*, flimkien mal-esperti tekniċi tagħha u l-Uffiċċju tad-DPO, bdiet tikkordina l-miżuri tagħha flimkien mal-inkjesta maġisterjali kif ukoll mal-IDPC sabiex tiġi kwantifikata u evalwata n-natura tal-imsemmi *cyber-attack* u kwalunkwe ksur tad-*data* (*data breach)* li seta' kien hemm b'konsegwenza ta' dan l-attakk.

Wara konsultazzjoni mal-IDPC, l-Awtorita` qiegħda toħroġ din in-notifika preliminari sabiex tinforma s-suġġetti tad-*data* dwar is-*cyber-attack* u kwalunkwe possibbli ksur tad-*data* (*data breach)* konsegwenti. Din in-notifika qed tinħareġ f'dan l-istadju ġjaladarba issa l-Awtorita`ottjeniet għarfien aħjar tan-natura w skala tal-effetti u konsegwenzi tal-imsemmi *cyber-attack*.

Transport Malta

Skond analiżi preliminari, l-Awtorita` hija f'pożizzjoni li tindika illi l-komponenti dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u l-liċenzji tal-vetturi ospitati fuq infrastruttura esterna ma ġewx affettwati bl-imsemmi *cyber-attack*. Fil-preżent l-Awtorita' ma tistax tipprovdi indikazzjonijiet oħra fir-rigward ta' sistemi u *data* li huma ospitati fuq l-infrastruttura tagħha u lanqas għandha informazzjoni jekk xi *data* kinitx aċċessata, mneħħija jew modifikata. Kif fuq imtenni, l-Awtorita` qed tagħmel din in-notifika preliminari u tkun tista' tipprovdi iktar informazzjoni wara li l-analiżi forensika tiġi finalizzata u l-indikazzjonijiet ta' kompromess jiġu kwantifikati.

B'risposta għal dan is-*cyber-attack* u possibbli ksur tad-*data (data breach)*, l-Awtorita` ħadet diversi miżuri fosthom li s-sistemi kompromessi ġew iżolati sabiex jiġi evitat kull riskju ulterjuri u l-Awtorita` qiegħda taħdem sabiex toħloq ambjent teknoloġiku iżolat (*sandbox*) biex tospita s-sistemi tagħha. Fl-istess waqt, l-Awtorita` għaddejja minn proċess fejn l-apparat teknoloġiku tagħha qed jiġi skennjat u vverifikat sabiex kwalunkwe indikazzjoni ta' kompromess f'dan l-apparat jiġi kontenut u jibqa' miftum mill-infrastruttura ġdida.

Din in-notifika qed issir sabiex kull min possibilment seta' ġie affettwat ikun jista' japplika u jintroduċi l-miżuri neċessarji sabiex tiġi protetta kwalunkwe *data* u informazzjoni personali proċessata mill-Awtorita`.

Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu:

- Moniteraġġ tal-kont privat għal xi attivita` suspettuża;
- Kawtela fir-rigward ta' terzi li jippruvaw jiġbru xi informazzjoni b'mod malizzjuż (magħruf bħala '*phishing*') bl-użu ta' *websites* foloz;
- Reviżjoni tal-kontijiet tal-kreditu jew pagamenti riċenti għal kwalunkwe attivita` mhux awtorizzata u rapport ta' din l-attivita` lill-istituzzjoni finanzjarja tiegħek;
- F'każ ta' serq ta' identita` jew użu irregolari tad-*data* personali tiegħek, għandek tikkuntattja lill-Pulizija immedjatament.

Għal aktar informazzjoni u assistenza, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Awtorita` fuq +356 2122 2203 jew billi tibgħat *email* lill-Uffiċċju tad-DPO fuq dataprotection.tm@transport.gov.mt.

Filwaqt li l-Awtorita` tiskuża ruħha għal kwalsijasi inkonvenjent kawża ta' dawn l-azzjonijiet ta' terzi, tassigura lil kulħadd illi ser iżżomm lis-suġġetti tad-*data* infurmati b'kull żvilupp ġdid li jista' jkun hemm bħala parti mill-investigazzjonijiet relatati ma' kwalunkwe *data* relatata miegħek bħala suġġett tad-*data* jew kull riskju konness.

Dejjem tiegħek,

Joseph Bugeja
Chairman & CEO
Transport Malta